MALTA

# QORTI TAL-MAGISTRATI (MALTA)
# BHALA QORTI TA' GUDIKATURA KRIMINALI

## MAGISTRAT DR.
## NATASHA GALEA SCIBERRAS

Seduta tat-13 ta' Jannar, 2014

Numru. 419/2011

**Il-Pulizija**
**(Spettur Victor Aquilina)**

**vs**

**Joseph Pearson**

Il-Qorti,

Wara li rat l-imputazzjonijiet migjuba fil-konfront tal-imputat Joseph Pearson ta' 25 sena, iben Jeremy u Joan xebba Baldacchino, imwieled il-Pieta` nhar l-14 ta' Settembru 1985 u residenti Numru 3, Blk G, Stamford Bridge, Triq in-Narcis, l-Imtarfa u detentur tal-karta tal-identita` bin-numru 463385M;

Akkuzat talli f'dawn il-Gzejjer fit-22 ta' Mejju 2011 u fit-tlett xhur ta' qabel:

a) Forna jew ipprokura jew offra li jforni jew li jipprokura d-droga kokaina, specifikata fl-ewwel skeda tal-Ordinanza dwar il-Medicini Perikoluzi Kap. 101 tal-Ligijiet ta' Malta lill-persuna jew persuni jew ghall-persuna jew persuni minghajr ma kellu licenzja mill-President ta' Malta, u minghajr ma kien awtorizzat bir-regoli tal-1939 ghall-Kontroll Intern tad-Drogi Perikoluzi (G.N. 292/1939), jew minn xi awtorita` moghtija mill-President ta' Malta, li jforni d-droga u minghajr ma kien fil-pussess ta' awtorizzazzjoni ghall-importazzjoni jew ghall-esportazzjoni mahrug mit-Tabib Principali tal-Gvern, skond id-disposizzjonijiet tas-sitt Taqsima tal-Ordinanza msemmija, u minghajr ma kellu licenzja jew xort'ohra awtorizzat li jimmanifattura jew iforni d-droga msemmija u minghajr ma kellu licenzja li jipprokura l-istess droga u dan bi ksur tar-regolament 4 tal-1939 ghall-Kontroll Intern tad-Drogi Perikoluzi (GN 292/1939), kif sussegwentement emendati u bi ksur tal-Ordinanza dwar il-Medicini Perikoluzi, Kap 101 tal-Ligijiet ta' Malta;

b) Kellu fil-pussess tieghu d-droga Kokajina specifikata fl-ewwel skeda tal-Ordinanza Dwar il-Medicini Perikoluzi, Kap. 101 tal-Ligijiet ta' Malta, meta ma kienx fil-pussess ta' awtorizzazzjoni ghall-importazzjoni jew ghall-esportazzjoni mahrug mit-Tabib Principali tal-Gvern skond id-disposizzjonijiet tar-4 u s-6 Taqsima tal-Ordinanza u meta ma kienx bil-licenzja jew xort'ohra awtorizzat li jimmanifattura, jew li jforni d-droga msemmija u meta ma kienx b'xi mod iehor bil-licenzja mill-President ta' Malta li jkollu d-droga msemmija fil-pussess tieghu u naqas li jipprova li d-droga msemmija giet fornuta lilu ghall-uzu tieghu skond ir-ricetta kif provdut fir-regolamenti msemmija u dan bi ksur tar-regolament tal-1939 dwar il-Kontroll Intern tad-Drogi Perikoluzi (GN 292/1939), kif sussegwentement emendati u bi ksur tal-Ordinanza dwar il-Medicini Perikoluzi, Kap. 101 tal-Ligijiet ta' Malta;

c) Kellu fil-pussess tieghu l-pjanta Kannabis kollha jew bicca minnha bi ksur tal-Artikolu 8(d) tal-Kap. 101 tal-Ligijiet ta' Malta.

Semghet ix-xhieda, rat l-atti kollha tal-kaz u d-dokumenti ezebiti, inkluz l-ordni ta' l-Avukat Generali bis-sahha tas-subartikolu (2) tal-Artikolu 22 tal-Ordinanza dwar il-Medicini Perikoluzi (Kap. 101), sabiex din il-kawza tinstema' minn din il-Qorti bhala Qorti ta' Gudikatura Kriminali;

Rat illi l-imputat irregistra ammissjoni ghall-imputazzjonijiet kollha migjuba fil-konfront tieghu fit-tieni seduta mizmuma fit-18 ta' Ottubru 2013, liema ammissjoni giet ikkonfermata mill-istess imputat wara li l-Qorti a tenur tal-Artikolu 453(1) tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta, avzatu bil-konsegwenzi legali ta' dik l-ammissjoni u kkoncedietlu zmien bizzejjed biex jerga' jikkonsidra t-twegiba u jerga' lura minnha;

Semghet it-trattazzjoni tal-partijiet dwar il-piena.

**Ikkunsidrat:**

Illi fid-dawl tal-ammissjoni maghmula mill-imputat u fid-dawl tal-provi prodotti, il-Qorti ma tistax hlief issib lill-istess imputat hati tal-imputazzjonijiet kollha kif migjuba fil-konfront tieghu.

Ghal fini ta' piena, il-Qorti hadet in konsiderazzjoni l-ammissjoni bikrija tal-imputat u l-fatt li kkopera bis-shih mal-pulizija waqt l-investigazzjoni taghha, kif jirrizulta mill-istqarrija rilaxxjata mill-istess imputat fit-22 ta' Mejju 2011[1]. Il-Qorti kkunsidrat ukoll il-fedina penali tal-imputat li tikkonsisti f'sejbien ta' htija, f'zewg okkazzjonijiet, u dan dwar reati ta' pussess semplici ta' droga, dwar liema l-

[1] A fol. 7 u 8 tal-process.

imputat inghata liberazzjoni kundizzjonata u Ordni ta' *Probation* rispettivament.

Il-Qorti qieset ukoll illi mill-istqarrija rilaxxjata mill-imputat, jirrizulta illi nstabu fil-pussess tieghu zewgt iqratas li kienu jikkontjenu d-droga kokaina u pakkett li kien jikkontjeni l-haxixa tal-*cannabis*. Skond l-istess imputat, dawn kienu ghall-uzu personali tieghu. L-imputat stqarr illi huwa kien ilu jabbuza mid-droga kokaina ghal madwar tlett xhur u kien jiehu madwar pakkett fil-gimgha, ghalkemm gieli ma abbuzax ukoll. Fir-rigward tal-*cannabis*, huwa kien ilu jabbuza minnha madwar sitt xhur (l-imputazzjonijiet madankollu jirreferu ghat-22 ta' Mejju 2011 u t-tlett xhur ta' qabel), ghalkemm l-ahhar darba li kien abbuza minn din id-droga kien madwar xahar u nofs qabel.

L-imputat stqarr ukoll illi huwa kien ilu madwar tliet xhur ibiegh id-droga kokaina lil shabu, sabiex ikun jista' jmantni l-vizzju tieghu. L-imputat qal illi huwa kien gieli jbiegh hames pakketti fil-gimgha u gieli biegh inqas. Qal li b'kollox biegh madwar tletin pakkett. Huwa kien jixtri pakkett bil-prezz ta' €50 u jbieghu bil-prezz ta' €60, izda kien hemm drabi fejn ma qala' xejn.

Il-Qorti qieset ukoll ix-xhieda tal-Ufficjal tal-*Probation*, **Joseph Mizzi**[2], moghtija fit-18 ta' Ottubru 2013, li qal illi huwa ilu jsegwi lill-imputat ghal dawn l-ahhar sentejn u illi l-imputat dejjem attenda ghas-sessjonijiet b'mod regolari. Mill-ahhar *urine test* li ttiehed lill-imputat madwar ghaxart ijiem qabel, irrizulta li l-imputat kien *clean.* Ix-xhud qal illi l-imputat jahdem hafna u illi fil-prezent qed ihejji sabiex jizzewweg. Qal ukoll illi huwa tkellem anke mal-familjari tal-imputat li lkoll ikkonfermaw illi l-istess imputat miexi fit-triq it-tajba. Ix-xhud qal ukoll illi l-andament tal-imputat huwa wiehed tajjeb hafna.

Illi fil-waqt li minn din ix-xhieda, il-Qorti m'ghandha l-ebda dubju dwar ir-riabilitazzjoni tal-imputat mill-vizzju tad-droga, din il-Qorti trid tikkunsidra s-serjeta` tar-reati li gew addebitati lilu u li fil-fatt gew ippruvati fil-konfront tieghu.

---

[2] A fol. 11 sa 13 tal-process.

Il-fatt li l-imputat kellu problema ta' droga ma jistax iservi bhala attenwant ghal piena. Kif inghad fis-sentenza moghtija mill-Onorabbli Qorti tal-Appell Kriminali fl-20 ta' Jannar 1997, fis-sentenza taghha fl-ismijiet **<u>Il-Pulizija vs Carmel Shone Stone</u>** (Appell Nru. 196/1996) "*il-fatt li persuna tkun "drug addict" ma jintitolahiex li taghmel affarijiet li jistghu jkunu ta' detriment ghal haddiehor*" biex tissodisfa l-htigijiet taghha.

Fis-sentenza **<u>Il-Pulizija vs Joseph Cutajar</u>**, deciza mill-Onorabbli Qorti tal-Appell Kriminali fid-29 ta' Ottubru 2009, gie ritenut illi "*…(H)uwa minnu li hafna minn dawn il-kawzi qed jiehdu zmien konsiderevoli biex jigu decizi w fil-frattemp jista' jigri li l-hati jkun hareg mill-vizzju tad-droga, pero` f'dawn il-kawzi mhux il-vizzju tad-droga ikun qed jigi punit, imma r-reat ta' spaccar ta' droga lil terzi bil-konsegwenzi serjissimi li dan ovvjament ikun gab mieghu. Hu dwar dan ir-reat li l-appellant ikun irid jaghmel il-kontijiet mas-socjeta`*".

In oltre l-Onorabbli Qorti tal-Appell Kriminali fis-sentenza taghha tas-6 ta' Dicembru 2002, fl-ismijiet **<u>Il-Pulizija vs Mark Mifsud</u>** (Appell Nru. 218/2002) irriteniet illi "*Huwa veru li wiehed ghandu jiehu in konsiderazzjoni c-cirkostanzi personali tal-hati (inkluz xi progress seta' ghamel minn mindu tressaq il-qorti) b'mod li ma jinjorax ghal kollox ir-riabilitazzjoni, jew riabilitazzjoni potenzjali, tieghu; <u>pero` meta si tratta ta' reati serji bhalma huma traffikar ta' droga, l-element tad-deterrent u tal-gustizzja mas-socjeta` ghandu jipprevali fuq konsiderazzjonijiet ta' riabilitazzjoni</u>. L-unika koncessjoni li din il-Qorti hi lesta li taghti lill-appellant hi tnaqqis ta' sena biex tirrifletti dik is-sena li huwa ghamel fil-programm residenzjali …*". [sottolinear mizjud]

Din il-Qorti ghalhekk fil-waqt illi ser tiehu in konsiderazzjoni illi l-imputat miexi fit-triq it-tajba u rrijabilita ruhu mill-vizzju tad-droga, sejra taghti piz lill-element ta' deterrent u tal-gustizzja mas-socjeta` fil-konsiderazzjoni taghha dwar il-piena.

Il-Qorti hadet ukoll in konsiderazzjoni, ghal fini ta' piena, illi l-imputazzjoni (b) hija assorbita fl-imputazzjoni (a) ai termini tal-Artikolu 17(h) tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta, u dan stante li din serviet bhala mezz ghall-fini sabiex seta' jigi kommess ir-reat ikkontemplat fl-istess imputazzjoni (a). Il-Qorti applikat ukoll l-Artikolu 17(f) tal-Kap. 9 fir-rigward tal-imputazzjonijiet (a) u (c).

## Konkluzjoni

Ghal dawn il-motivi, il-Qorti wara li rat it-Taqsimiet IV u VI, l-Artikoli 8(d), 22(1)(a) u 22(2)(b)(i) u (ii) tal-Kap. 101 tal-Ligijiet ta' Malta, l-Artikolu 17 tal-Kap. 9 tal-Ligijiet ta' Malta u r-Regolamenti 4 u 9 tal-GN 292/1939, fuq ammissjoni, issib lill-imputat hati tal-imputazzjonijiet kollha migjuba fil-konfront tieghu, u qeghda tikkundannah ghal piena ta' **disa' xhur prigunerija effettiva** u **multa ta' disa' mitt Euro (€900)**, li bl-applikazzjoni tal-Artikolu 14(2) tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta, tista' tithallas b'rati mensili u konsekuttivi ta' mitt Euro (€100.00). L-ewwel pagament ghandu jsir mhux aktar tard minn xahar mid-data li fiha l-hati jiskonta l-piena karcerarja li qed tigi b'din is-sentenza erogata, u ghal dan il-fini r-Registratur ghandu jivverifika mal-awtoritajiet karcerarji din id-data. Pero` jekk il-hati jonqos li jhallas pagament wiehed, il-bilanc jigi dovut minnufih u jigi konvertit fi prigunerija bir-rata ta' gurnata habs ghal kull hamsa u tletin Euro (€35.00) jew parti minnhom dovuti.

Il-Qorti tordna d-distruzzjoni tad-droga u/jew l-affarijiet relatati mal-abbuz tad-droga, Dokument VA2, hekk kif din is-sentenza tghaddi in gudikat, u dan taht il-harsien tar-Registratur li ghandu jirredigi *process-verbal* li jiddokumenta l-procedura tad-distruzzjoni, liema dokument ghandu jigi nserit fl-atti ta' din il-kawza mhux aktar tard minn hmistax-il jum minn tali distruzzjoni.

**< Sentenza Finali - Not To Put On Web >**

---------------------------------TMIEM---------------------------------